# Ir-Rata tal-Qgħad: Awwissu tal-2023

NR172/2023 Data tal-Ħruġ: 28 ta' Settembru 2023

*Ir-rata tal-qgħad aġġustata għall-effetti tal-istaġun għax-xahar ta' Awwissu 2023 kienet ta' 2.7 fil-mija, li hija żieda ta' 0.2 punti perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel.*




**Il-fatturi li wasslu għar-rata tal-qgħad tax-xahar aġġustata bl-istaġun**

F'Awwissu 2023, ir-rata tal-qgħad kienet 2.7 fil-mija, li hija kemm żieda ta' 0.2 punti perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel kif ukoll naqsa ta' 0.2 punt perċentwali fuq l-istess xahar ta' sena qabel (Tabella nru 1).

F'Awwissu 2023, l-għadd ta' nies qiegħda kien ta' 8,169, bl-irġiel u b'dawk il-persuni li kellhom bejn il-25 u l-74 sena jkunu dawk li kellhom l-akbar sehem mil-livell kollu tal-qgħad. L-għadd ta' żgħażagħ qiegħda, aġġustat għall-effetti tal-istaġun, ammonta għall-2,257, mentri l-għadd ta' nies qiegħda li kellhom bejn il-25 u l-74 sena ammontaw għal 5,912 (Tabella nru 2).

## Ċart nru 1. Ir-rata tal-qgħad aġġustata għall-effetti tal-istaġun




F'Awwissu 2023, ir-rata tal-qgħad għall-irġiel kienet ta' 2.8 fil-mija, u b'hekk żdiedet b'0.2 punti perċentwali meta mqabbla max-xahar ta' qabel. Sadattant, ir-rata għan-nisa kienet ta' 2.5 fil-mija, u b'hekk żdiedet b'0.1 punti perċentwali meta mqabbla ma' Lulju 2023 (Tabella nru 1).

Ir-rata tal-qgħad għall-persuni ta' bejn il-15 u l-24 sena (ir-rata tal-qgħad taż-żgħażagħ) żdiedet għal 9.0 fil-mija, filwaqt li dik għal persuni li kellhom bejn il-25 u l-74 sena kienet 2.1 fil-mija sabiex b'hekk żdiedet b'0.1 punti perċentwali mix-xahar ta' qabel (Tabella nru 1, Ċart nru 2).

## Ċart nru 2. Ir-rata tal-qgħad bil-gruppi tal-età, aġġustata għall-effetti tal-istaġun

